**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

## SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA, 15 TA' FRAR, 2002

**Avviz Nru: 1304/01 AJD**

**John Farrugia**

**Vs**

**Vincent Degabriele**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Ottubru, 2001, fejn intalbet il-kundanna ghall-hlas tal-konvenut lill-attur fl-ammont ta' hames mitt lira Maltin (Lm500.00) u dan wara li gie premess li l-attur ghandu dritt li jopera servizz ta' trasport ghall-impjegati tal-fabbrika 'FitzWright' gewwa Bulebel. Fil-fatt il-konvenut stipula dan il-beneficcju a favur ta' l-attur permezz ta' skrittura tal-4 ta' Awissu, 2000, iffirmata ma' terzi. Gara li l-konvenut ma baqax jonora dan l-obbligu u ghalhekk l-attur qieghed jitlef ix-xoghol li sal-llum jilhaq gliegh ta' hames mitt lira Maltin (Lm500.00) kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 2720/01, kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:-

1. Illi, in linea preliminari, il-konvenut jeccepixxi illi l-mertu jinvolvi kwistjoni li taqa' barra mill-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal u dana stante illi l-

mertu jinvolvi m'hux talba ta' flus hekk kif dedotta fit-talba originali u li m'hemm ebda indikazzjoni kif l-attur wasal ghas-somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500.00), izda apprezzament legali ta' skritturi illi saru bejn il-konvenut u certa Paul Vella. Ghalhekk isegwi illi, ai termini tal-Artikolu 7 (2) (a) tal-Kapitolo 380 tal-Ligijiet ta' Malta, dan it-Tribunal ghandu jissospendi l-procedimenti odjerni stante illi l-mertu jaqa' barra mill-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal.

2. Illi, in linea preliminari, il-konvenut jecepixxi illi l-attur m'ghandu ebda interess guridiku, reali, dirett u personali sabiex jippromwovi l-azzjoni odjerna stante illi l-attur qatt ma deher jew kien parti fuq xi skrittura privata illi sar it-trasferiment tal-mini-bus bin-numru tar-registrazzjoni HMY-201 minn fuq certu Paul Vella ghal fuq il-konvenut.

3. Illi, ukoll in linea preliminar u minghajr pregudiji ghal li gej, il-konvenut jecepixxi illi huwa m'gandu l-ebda relazzjoni guridika mal-attur u ghalhekk isegwi illi m'hemm l-ebda bazi legali li fuqha tista' tigi promossa l-azzjoni odjerna.

4. Illi fil-mertu u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, hija l-iskrittura datata 28 ta' Awissu, 2000, li qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. VD1 li ghandha validita' f'ghajn il-ligi, li tirregola t-trasferiment tal-vettura in kwistjoni, kif ukoll hija dik li hija rregistrata mal-awtoritajiet kompetenti.

5. Illi f'din l-iskrittura datata 28 ta' Awissu, 2000, m'hemm l-ebda riferenza ghall-attur jew ghal xi obbligu assunt mill-konvenut fil-konfront tal-attur.

6. Illi l-mertu in disamina kien ukoll il-mertu tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 2715/01 CFS ippresentat mill-attur fil-konfront tal-konvenut liema talba tal-attur gja' gie prima facie michuda mill-Prim Awla tal-Qorti Civili.

7. Illi mid-Dokumenti mmarkata Dok. VD2, VD3 u VD4, jirrizulta illi qatt ma kien hemm xi ftehim bejn il-kumpanija FitzWright Europe (Malta) Limited u l-attur u ghalhekk il-pretensjonijiet tal-attur ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet in kwantu jirrigwarda l-eccezzjoni ta' inkompetenza 'rationae materiae' sollevata mill-konvenut.

Ra l-verbal tas-seduta tat-30 ta' Jannar, 2002, fejn Dr. Luciano Busuttil ghall-attur spjega li l-ammont ta' hames mitt lira Maltin (Lm500.00) mitlub

mill-attur huwa ammont prelikwidat.

Ikkunsidra:

1. Illi l-konvenut qed jeccepixxi l-inkompetenza ‘rationae materiae’ ta’ dan it-Tribunal sabiex jisma’ u jiddeciedi l-kaz u dan ai termini tal-Artikolu 7 (2) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Illi dan l-Artikolu jghid hekk:-

“It-Tribunal ghandu jissospendi l-procedimenti tieghu jekk:-

(a) il-parti tattakka t-talba bil-mezz ta’ eccezzjoni, li tinvolvi kwistjoni li taqa’ barra mill-gurisdizzjoni tat-Tribunal; u/jew
(b) ikun hemm pendenti quddiem qorti kompetenti azzjoni, li l-ezitu taghha jkun jolqot it-talba li t-Tribunal ikollu quddiemu.

3. Illi l-attur qed jitlob l-ammont ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500.00) bhala telf ta’ qliegh li huwa sofra bhala konsegwenza tal-inadempjenza tal-konvenut mal-obbligi assunti minnu fi skrittura tal-4 ta’ Awissu, 2000. Kif diga’ ntqal aktar il-fuq l-attur iddikjara li dan l-ammont huwa prelikwidat.

4. Illi l-konvenut isostni li l-mertu tal-kawza ma jinvolviex talba ghall-kundanna ghall-hlas izda apprezzament legali ta’ skritturi li saru bejn il-konvenut u certu Paul Vella. Il-konvenut esibixxa kopji tal-iskritturi li skond u jrid isir apprezzament legali taghhom (vide fol. 5, 6, 7 u 8) izda minn ezami ta’ dawn id-dokumenti jirrizulta li dawn m’humiex l-iskritturi li fuqhom l-attur qed jibbaza t-talba tieghu. Fl-Avviz tat-Talba l-attur isemmi skrittura tal-4 ta’ Awissu, 2000, u ghalhekk ma jirrizultax li l-attur qed jitlob lit-Tribunal jiddetermina kwistjoni naxxenti mill-iskritturi li ghalihom qed jaghmel riferenza l-konvenut.

5. Illi sabiex l-attur ikun jista’ jasal ghat-talba ghad-danni jrid jigi dikjarat li l-konvenut kien inadempjenti mal-obbligi assunti fl-iskrittura tal-4 ta’ Awissu, 2000.

6. Illi l-Artikolu 3 (2) ta’ l-Att V tal-1995 jipprovdi li: “it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikollu gurisdizzjoni biex jisma’ u jaqta’ biss it-talbiet kollha ta’ flus ta’ ammont mhux izjed minn elf u hames mitt lira Maltija”. Dan it-Tribunal kif diversament presjedut f’sentenza tal-10 ta’ Ottubru, 2001, fil-kawza fl-ismijiet Joseph u Jane Mifsud vs Homeline Ltd (Avviz Numru 615/01) stabbilixxa li l-kriterju li ghandu jintuza sabiex tigi determinata l-kwistjoni ta’ kompetenza huwa l-ammont li qed jintalab mill-attur. “L-uzu tal-kelma ‘kollha’ fit-test tal-ligi qeghda, fil-fehma tat-Tribunal, teskludi li ssir xi distinzjoni f’kazijiet fejn it-talba hija ghall-hlas ta’ somma ta’ flus li ma

teccedix l-elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500)". Dan ma jfissirx li ma jezistux kazijiet fejn il-ligi espressament tirrizerva l-kwistjoni ghall-ezami ta' Qrati jew Tribunali ohra izda l-kaz in dizamina ma jidhirx li huwa wiehed minn dawn il-kazijiet. It-talba tal-attur hija fil-fehma tat-Tribunal talba 'ta' flus' ai termini tal-Artikolu 3 (2) hawn fuq citat. Il-fatt li t-Tribunal sabiex jasal biex jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma mitluba irid jinvestiga u jiddikjara l-inadempjenza tal-konvenut mal-obbligi naxxenti mill-iksrittura tal-4 ta' Awissu, 2000, ma jeskludix a priori l-kompetenza ta' dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi t-Tribunal qed jichad l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut u jordna l-prosegwiment tal-kawza.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**